KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**KUNSILL LOKALI L-IKLIN**

**LAQGĦA TAL-LOKALITÀ 2013**

**Il-Kunsill fis-sena 2012**

---

Sur Sindku, Viċi Sindku, Kunsilliera, Sinjuri,

Din hija l-ewwel laqgħa annwali fil-leġislatura l-ġdida li taħbat is-seba' waħda minn mindu bdew il-Kunsilli Lokali. F'Marzu li għadda, preċiżament fid-9 ta' Marzu 2012, kien imiss li jsiru l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali fejn il-lokalità tal-Iklin kienet imsejħa flimkien ma' lokalitajiet oħra biex teleġġi Kunsill ġdid. Ir-residenti tal-Iklin reġistrati f'din il-lokalità kellhom id-dritt tal-vot biex jeleġġu Sindku li jirrapreżentahom u erba' Kunsilliera.

Kif jitlob l-Att tal-Kunsilli Lokali, huwa fl-obbligu tal-Kunsill li jsejjaħ laqgħa annwali tal-lokalità għar-residenti kollha li jirrisiedu f'din il-lokalità biex jingħata rendikont tal-ħidma tal-Kunsill li wetttaq matul is-sena 2012 li ssarraf ta' ġid għal din il-komunità u naturalment titjib fil-lokalità.

## FINANZJAMENT

Matul is-sena 2012, l-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali kienet ta' Eur224,589. L-allokazzjoni finanzjarja ġiet imqassma skont il-funzjonijiet: Eur3,329 għall-Parki u Ġonna, Eur78,091 għall-manutezjoni ta' toroq, Eur45,951 għall-Immaniġġjar tal-iskart, Eur79,974 nefqa għall-amministrazzjoni u Eur17, 245 għal *tipping fees*. Dan id-dħul jiżdied ma' dħul ieħor li l-Kunsill jiġġenera minn permessi li joħroġ għal diversi funzjonijiet bħal depożitu ta' makkinarju, depożitu ta' materjal ta' bini jew oġġetti oħra fit-triq, depożitu ta' skips industrijali, permessi għal twaqqif ta' posti jew kiosks, u *administration fees* mis-sistema tal-infurzar tal-liġi, u *administration fees* li jiġu ġġenerati

mis-sistema tal-iskema awtorizzata GreenMT dwar is-servizz tal-ġbir tal-iskart separat. Dħul ieħor jidħol minn ħruġ tal-Offerti u imgħaxxijiet tal-Bank. Il-Kunsill mexxa b'għaqal u reponsabbiltà fejn amministra l-fondi mgħoddija lilu mill-Gvern għall-ġid ta' din il-lokalità u żamm bilanċ bejn dak li hu nfieq amministrattiv u dak kapitali. Ma' dan, il-Gvern kellu fond ieħor għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli biex minnhom il-Kunsilli jkunu jistgħu japplikaw għal skemi biex isiru numru ta' proġetti u / jew attivitajiet li minnhom igawdu r-residenti b'mod dirett u titjib ieħor fil-lokalità permezz ta' proġetti fil-lokalità.

## LAQGĦAT

Kif titlob il-liġi, il-Kunsill irid jiltaqa' tal-anqas darba fix-xahar. Matul is-sena 2012, il-Kunsill iltaqa' formalment 23 darba. Dan ifisser medja ta' żewġ laqgħat fix-xahar.

Il-Kunsill il-ġdid ħa l-Ġurament tal-Ħatra nhar is-27 ta' Marzu 2012 u fl-ewwel seduta tal-Kunsill ta' nhar it-2 ta' April, saret l-aċċettazzjoni tal-karigi u l-Ġurament tal-Ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Roberta Fenech Gauci. Is-Sur Anthony Dalli reġa kien elett Sindku ta' din il-lokalità. Is-Sur Anthony Borg ġie kkonfermat bħala l-Viċi Sindku. Il-membri l-oħra eletti fil-Kunsill huma s-sinjuri Carmel Attard, Yvonne Bartolo, u Martin Fenech. Il-Kunsill il-ġdid iltaqa' 17-il darba bl-aħħar seduta tal-Kunsill inżammet nhar l-10 ta' Diċembru 2012.

Dawn il-laqgħat huma pubbliċi u r-residenti jistgħu jattendu għalkemm ma jkunux jistgħu jipparteċipaw waqt is-seduta. Minbarra l-laqgħat tal-Kunsill, issir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità li hija ntiża biex qabel mal-Kunsill jiffinalizza l-*budget* u l-pjan ta' tliet snin, ikun jista' jilqa' suġġerimenti mingħand ir-residenti bil-għan li sa fejn huwa possibbli, jinkludihom fil-pjan tal-Kunsill.

Matul is-sena 2012, il-Kunsill żamm numru ta' laqgħat mall-konsulenti tal-Kunsill biex jingħata l-aħjar servizz lir-residenti tagħna. Il-konsulenti kkummisjunati mill-Kunsill kienu jinkludu servizzi ta' perizja, mal-avukat għall-pariri legali, l-*Accountant* tal-Kunsill, u konsulenza dwar permessi ta' żvilupp fil-lokalità tal-Iklin. Saru laqgħat mall-Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern, mal-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, mad-Dipartiment tal-Artijiet u mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Naturalment, laqgħat oħra saru mall-kuntratturi tal-Kunsill dwar xogħlijiet u servizzi marbuta mal-lokalità.

Matul is-sena 2012, fuq l-agenda tal-Kunsill ġew trattati numru ta' *issues* varji dwar *traffic management* fil-lokalità bl-iskop li titjieb is-sistema tat-traffiku. Wara diskussjonijiet fil-laqgħat tal-Kunsill, saru numru ta' laqgħat mal-Awtorità dwar it-Trasport fejn ġew diskussi *issues* pendenti filwaqt li ġew proposti numru ta' rakkomandazzjonijiet. Fuq dan is-suġġett ukoll, matul ix-xahar ta' Ottubru, il-Kunsill bagħat ċirkolari fid-djar tal-Iklin biex issir konsultazzjoni dwar l-Immaniġġjar tat-Traffiku bl-iskop li jonqos it-traffiku u l-effetti negattivi kkawżati mill-istess vetturi. Daħlu madwar 260 dokument li fil-maġġoranza kbira tagħhom ma qablux mall-proposta. Il-Kunsill iddeċieda li jimxi skont ix-xewqa tal-*feedback* li kellu.

Fejn tidħol l-amministrazzjoni. is-Sindku żamm kuntatt regolari mal-Uffiċċju dwar ix-xogħol amministrattiv tal-Kunsill. Fil-11 ta' Jannar tal-2012, il-Kunsill daħħal impjegata ġdida fuq bażi *part-time* wara li f'Novembru tas-sena 2011, l-impjegata Mariella Azzopardi talbet li kienet ser tieqaf mix-xogħol.

**XOGĦLIJIET ĠODDA FIL-LOKALITÀ**

Bil-għan li jkompli jtejjeb l-infrastruttura f'din il-lokalità, il-Kunsill għamel numru ta' xogħljiet fosthom parti mill-bankina ta' Triq Ċensu Busuttil li saret *joint venture* mall-Gvern Ċentrali permezz tat-taqsima tal-*Public Works*, bankina ġdida fi Triq il-Klin, parti minn Triq il-Wied, parti minn Triq Ġużè Galea, parti minn Triq il-Prinjol, u parti oħra minn Triq il-Klin bejn Triq Stefano Erardi u Triq Ġeronimo Abos.

**XOGĦLIJIET OĦRA LI SARU MATUL IS-SENA 2012**

Sar xogħol ta' *patching works* fi Triq il-Wied u f'toroq oħra sekondarji minħabba ħsarat kkawżati mill-ilmijiet tax-xita. Dan ix-xogħol sewa lill-Kunsill eluf ta' euro biex isir *re-instatement* fl-aktar partijiet difettużi tat-triq u sabiex jiġu evitati nċidenti tat-traffiku meta wieħed jikkunsidra l-volum ta' traffiku li jgħaddi mill-imsemmija triq. Ma' dan sar ukoll *refreshing* of *road markings* ta' Triq il-Wied, Triq Ġeronimo Abos u Triq San Mikiel għall-benefiċċju tas-sewwieqa biex ikun hemm *traffic management* aħjar f'dawn it-toroq. Ma' dan il-Kunsill introduċa *LED signs* fuq arblu fi Triq il-Wied u Triq Ġeronimo Abos biex jgħin lis-sewwieqa jsegwu aħjar is-sinjali tat-traffiku matul il-lejl. Sfortunatament dawn is-sinjali ġarrbu ħsarat ikkawżati minn inġenji kbar li jgħaddu minn Triq il-Wied. Riċentement waħda mill-*LED signs* intlaqtet minn xi makkinarju goff u fejn aktar tard ġie nnutat li nsteraq ukoll l-apparat ta' din is-sistema.

Barra minn hekk, il-Kunsill ikkummissjona ditta privata biex tieħu *traffic count survey* tal-vetturi li jaċċessaw minn Triq il-Wied. Sar *traffic count survey* f'Settembru u ieħor f'November u dan biex il-Kunsill ikollu stampa tas-sitwazzjoni. Skont dan ir-rapport, l-istatistika turi li hemm moviment ta' madwar 66,000 vettura fil-ġimgħa.

Sar ukoll *re-instatement works* fi Triq San Mikiel biex ikun evitati ħsarat għall-vetturi u nkonvenjenzi oħra għall-pubbliku inġenerali.

Il-Kunsill kiteb ukoll lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex Triq il-Wied tiġi asfaltata mill-ġdid peress li l-Kunsill m'għandux il-finanzjament meħtieġ biex iwettaq proġett (major project) ta' dan il-kobor.

F'Awwissu li għadda, il-Kunsill lesta x-xogħol fuq struttura perikoluża ta' 13-il filata għoli. Wara dan il-ħajt kien hemm ammont sostanzjali ta' ħamrija u siġra kbira tal-*ficus* li bl-għeruq tagħha kienet qed tippressa fuq l-istess ħajt fi Triq Anton Buttigieg maġenb *substation* tad-dawl. Wara li nġiebu l-permessi neċessarji u tkellimna mal-entitajiet konċernati, fuq struzzjonijiet tal-Perit tal-Kunsill, il-kuntrattur reġa tella l-ħajt u ġie rinfurzat skont is-sengħa, saru *weeping holes* fil-parti t'isfel tal-ħajt minħabba l-ilmijiet tax-xita. Ma' dan ix-xogħol, saret ukoll żabra tas-siġar eżistenti biex b'hekk ingħatat dehra aħjar tal-area.

## SKEMI U PROGRAMMI EDUKATTIVI

Kif kelli l-okkażjoni nispjega fil-bidu ta' dan ir-rapport, il-Kunsill kien applika għal skema li ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Attivitajiet Sportivi fil-Lokalità. Il-Gvern għal sena oħra reġa' alloka fondi addizzjonali biex jgħin lill-Kunsilli jniedu inizzjattivi sportivi.

F'Mejju u Ottubru 2012, il-Kunsill organizza żewġ sessjonijiet tal-*Pilates* u tal-*Aerobics*, numru ta' sessjonijiet tal-għawn fil-Pixxina Nazzjonali immirati għat-tfal li jattendu fl-għaqdiet tal-lokal fosthom L-Iklin Scout Group, KlabbSajf tal-Parroċċa u Lija/Iklin Football Youth Nursery. Ma' dan inżid ukoll l-*After School Programme* li beda lejn l-aħħar kwart tas-sena mall-bidu tas-sena skolastika. L-ispiża totali kienet tlaħħaq għal Eur3,617.00. L-ammont iffinanzjat mill-Kunsill Malti għall-Isport u mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ta' Eur1808.50c. Mingħajr l-għajnuna finanzjarja, il-Kunsill ma jkunx f'pożizzjoni li jwettaq dawn l-attivitajiet kollha li semmejt hawn fuq mir-riżorsi tal-Kunsill.

Fix-xhur tas-Sajf, il-Kunsill Lokali L-Iklin offra kors tal-computer *ikids parts 1* għat-tfal tal-Iklin bl-etajiet kienu jvarjaw bejn il-ħames u l-għaxar sena u kienu maqsumin fi tliet gruppi. Fis-6 ta' Lulju 2012, Minħabba nuqqas ta' faċilitajiet fl-Uffiċċju tal-Kunsill, il-Kunsill talab lill-Kappillan tal-Parroċċa biex jipprovdi spazju biex TCTC tkun tista' torganizza *computer lab* biex isiru dawn is-sessjonijiet. Kien hemm attendenza aċċettabbli tant li l-istess parteċipanti reġgħu applikaw inidpendentement għall-kors ieħor *ikids part 2*. Nirringrazzja lil Rev. Dun Keith Bonnici ta' din l-opportunità biex it-tfal tal-Iklin setgħu igawdu minn dan il-proġett.

## ATTIVITAJIET

Il-Kunsill ipparteċipa fil-kampanja '*Windowsill Flower Campaign'* fejn bagħat ċirkolari fid-djar kollha tal-Iklin biex kull min hu interessat jipparteċipa f'din il-kampanja. Tqassmu madwar 250 pot bil-fjuri *on a first come first served basis* sabiex ir-residenti jżejnu it-twieqi u l-galleriji li jagħtu għal fuq it-triq biex il-lokalità tkun imlibbsa bil-fjuri friski li jagħtu sens ta' ħajja u kulur fil-lokalità. Ngħid li kienet inizjattiva tajba ħafna favur l-ambjent u kien hemm interess immedjat mir-residenti li għoġobhom jipparteċipaw f'din il-kampanja.

Saru diversi attivitajiet soċjali għar-residenti ta' din il-lokalità. Fl-20 ta' Frar ġie organizzat Carnival Party għat-tfal tal-Iklin.

Fid-29 ta' Frar ġiet organizzata taħdita dwar il-kura tas-saqajn ġewwa s-Sala tal-Kunsill mill-patoloġista Andrew Scicluna.

Ġew organizzati attivitajiet għal Jum il-Mara u għal Jum l-Omm fejn l-attendenzi kienu nkoraġġanti.

Għal sena oħra ġie mfakkar Jum l-Iklin bejn l-1 – 8 ta' Settembru. Il-programm tal-attivitajiet kien wieħed varjat fejn ġiet iċċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokkjali 'Familja Mqaddsa'. Din is-sena, l-Kunsill iddeċieda li ssir ħarġa kulturali fil-Belt Valletta fejn ġie mistieden gwida, l-istoriku Michael Galea biex iż-żjara fil-kapitali tkun waħda nformattiva. L-attivitajiet għalqu b'mawra għal Għawdex '*Gozo by Night*' fejn l-attendenza kienet waħda aċċettabbli. Kien hemm ippjanati żewġ attivitajiet oħra mmirati għat-tfal u l-anzjani però minħabba nuqqas ta' konkorrenza, il-Kunsill kellu jikkanċella dawn l-attivitajiet.

Fit-13 ta' Settembru 2012, il-Kunsill ġie mistieden mill-Iklin Scout Group għall-inawgurazzjoni tal-*premises* tagħhom.

Għal sena oħra il-Kunsill Lokali L-Iklin kien parteċipi fi *Seasonal Influenza Vaccine* 2012 fejn ir-residenti 'l fuq minn 55 sena kienu eliġibbli biex jieħdu t-tilqima kontra l-influenza. Sabiex il-Kunsill jaċċerta li l-messaġġ jasal għand kulħadd, il-Kunsill ipprepara *mail shot* fejn tqassmet fid-djar biex l-anzjani jkunu nfurmati dwar dawn is-servizzi favur is-saħħa tal-persuna.

Biex jitfakkar l-10 anniversarju mit-twaqqif ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery, il-Kunsill Lokali L-Iklin, bħala fundatur ta' din il-Youth Nursery ġie mistieden biex ikun ko-parteċipi fl-attivitajiet li ġew organizzati nhar il-Ġimgħa 26 u l-Ħadd 28 ta' Ottubru 2012. Ġiet organizzata quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja ta' Ħal Lija bis-sehem tal-E.T. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona, OP. Imbagħad, fi *training grounds*, ġiet inawgurata *New Media Room* u l-kxif ta' lapida kommemorattiva u trattament tal-okkażjoni.

Fit-8 ta' Novembru 2012, fis-Sala tal-Kunsill ġiet organizzata *Beauty Care Talk* minn Olga Kerr.

Fl-għeluq tas-sena 2012, matul il-festi natalizji, il-Kunsill ħejja programm varjat bil-għan li jżomm kuntatt mar-residenti fejn għal sena oħra reġgħet saret il-purċissjoni tradizzjonali tal-Milied u *re-enactment* tal-ġrajja tal-Milied, l-attività popolari mat-tfal 'Ġej il-*Father Christmas*', Ħarġa għall-Anzjani, u *Christmas Party* għat-tfal tal-komunità.

## PROĠETTI TAĦT L-ISKEMA TAL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP FUQ TOROQ

Il-Kunsill għadu għaddej b'negozjati mall-kuntrattur u mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex nagħtu bidu għal dan il-proġett. Nel frattemp, sar xogħol minn entità privata biex itejjeb l-infrastruttura *underground* fejn ukoll kien mument propizju biex ma jsirux trinek wara li tkun tlesta x-xogħol ta' *re-surfacing* min-naħa tal-Kunsill. Preżentement il-Kunsill qed jistenna l-*clearance* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tissejjaħ *co-*

*ordination meeting* mal-entitajiet kollha biex jibda x-xogħol immedjat fuq l-ilma u drenaġġ ta' Triq il-Ħwawar. Kif jitlestew is-servizzi, il-kuntrattur jipprepara biex jingħata wiċċ ġdid bi tarmac.

## FONDI MILL-EU U L-GVERN ĊENTRALI

Wara li tlesta x-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjieħ li kienu maqsuma fuq tliet fażijiet ta' Triq Erin Serracino Inglott, Trejqet San Mikiel, u Triq ir-Razzett l-Aħmar, il-Kunsill talab lill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali biex jidentifika ħitan tas-sejjieħ oħra li kellhom bżonn restawr jew rikostruzzjoni peress li kien għad fadal il-fondi mill-*Grant* li ngħata taħt din il-Miżura.

Wara li l-Aġenzija għall-Pagamenti eżaminat it-talba tal-Kunsill, fl-14 ta' Mejju 2012 irċevejna l-approvazzjoni tan-nefqa ta' Eur64, 350.00 biex jitkompla l-proġett tar-restawr/rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ.

Kif tlestew it-tliet fażijiet, f'April tal-istess sena saret *site visit* mill-Uffiċċjali tal-Aġenzija għall-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru biex jiffotografaw u jawditjaw il-proġett.

Il-Kunsill kien pront u ssottometta *Development Notification Order* mal-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex jinġiebu l-permessi neċessarji. Il-Kunsill identifika ħitan tas-sejjieħ li kien verament fi stat ħażin li kienu jinkludu partijiet minn Triq Anton Manoel Caruana, parti oħra minn Triq ir-Razzett l-Aħmar u Triq San Mikiel, li jammonta għal 715-il metru tul ta' ħitan. Dan tal-aħħar se jsir tibdil sostanzjanli ta' ħitan li huwa ffurmat mill-ġebla tal-franka għall-ħitan tas-sejjieħ. Ġie ppreżentat *photographic survey* u *site plans* taż-żoni u f'Awwissu rċevejna l-permessi mill-MEPA.

Fl-aħħar kwart tas-sena 2012 inbeda x-xogħol fuq il-ħitan ta' Triq Anton Manoel Caruana li jmiss ma' Triq Erin Serracino Inglott u Triq ir-Razzett l-Aħmar. Fis-sena l-ġdida huwa ppjanat li jibda l-aħħar parti tal-proġett fi Triq San Mikiel fejn inkunu wasalna biex nikkonkludu dan il-proġett.

Matul dawn ix-xhur, saru *bilateral meetings* mall-Aġenzija għall-Pagamenti fejn ġew ippreżentati rapporti *PPR Reports* ta' kull tliet xhur biex l-Aġenzija ssegwi l-progress tal-proġett u sabiex tassigura li qed isir skont iż-żmien indikat. Sallum il-valur tax-xogħol laħħaq Eur150,173.25c.

Huwa previst li l-proġett jingħalaq fl-ewwel kwart tas-sena 2013.

## PROĠETT – SIT TA' SAN MIKIEL

Il-Kunsill kompla jsegwi l-proċess dwar il-proġett *Recreational Park and underlying Car Park* fis-sit ta' San Mikiel fejn saħansitra s-Sindku Anthony Dalli talab laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet. Il-Kunsill applika għal *Full Development Permit* u

ġiet aċċettata. Qed nistennew d-Dipartiment tal-Artijiet joħroġ is-sejħa għall-Offerti. Il-permess bin-numru PA 590/09 ingħata f'Ġunju 2011.

## BINI TA' UFFIĊĊJU ĠDID

Matul is-sena 2012, il-Kunsill baqa' jsegwi l-applikazzjoni PA 3801/10 dwar il-bini ta' Uffiċċju ġdid għal-Kunsill Lokali b'numru ta' laqgħat maċ-Chairman tal-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-permess ta' żvilupp.

F'Jannar saret *on site inspection* minn uffiċċjali tal-MEPA fuq il-post. Minn din il-laqgħa kien ġie miftiehem li l-Awtorità tgħaddi l-lista tal-*public hearings* kollha li saru in konnessjoni ma' din l-applikazzjoni.

Fuq parir tal-Perit tal-Kunsill, ġie deċiż li ssir laqgħa maċ-chairman tal-Awtorità wara li ma mmaterjalizza xejn fil-laqgħat li saru fis-sena 2011.

Fi Frar tas-sena li għaddiet inkitbet ittra lic-*chairman* biex niltaqgħu bil-għan li tinstab soluzzjoni dwar l-*issue* tal-livelli.

Is-Sindku spjega li l-art kienet ġiet divoluta mingħand il-Gvern u l-Kunsill huwa marbut ma' dan is-sit, konfini stabbiliti bl-iskop li dan il-bini jkun aċċessibbli għal kulħadd.

Id-diskussjonijiet mal-Awtorità ser ikomplu fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

## GĦELUQ

Wasalt biex nikkonkludi dan ir-rapport dwar il-ħidma amministrattiva u l-operat tal-Kunsill għas-sena 2012. Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lis-Sindku u l-kunsilliera tas-*support* li sibt u tal-impenn sħiħ tagħhom għall-ġid ta' din il-lokalità. Ma' dan irrid ukoll nirringrazzja lill-*Asst. Principal Officer* Charmaine Cunningham u lill-iskrivana Rose Barbieri tal-għajnuna li nsib fl-Uffiċċju, il-ħaddiema tal-IPSL u tal-ETC u fl-aħħar u mhux l-inqas lilkom ir-residenti li bl-ilmenti u s-suġġerimenti tagħkom tgħinnu lill-Kunsill biex ikompli jaħdem fl-aħjar interess ta' din il-lokalità.

________________________

Etienne Montfort
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iklin
11.01.2013